MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 38/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Stephen John Shillitoe**
**I.D. 48908A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Jannar, 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€633.82) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50901551 moghtija mis-Socjeta’ attrici u dank if ser jigi ‘ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u tmenirn centezmu (€633.82) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------